**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors Nru : 106/16 AL

**AB**

**VS**

**CD**

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Frar 1987 (vide kopja ta' certifiakt taz-zwieg hawn anness, bhala Dok. A);

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifel, K li llum ghandu 21 sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutara Susan Mercieca mill-14 ta' Gunju 2011, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa bhala Dok B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom separati snin twal u illum iffurmaw hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin;

Illi b'hekk huma sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikolu 66B et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-esponent xtaq jipprevalixxi ruhu mid-drittijiet lilu moghti sabiex jitlob il-hall taz-zwieg bejnu u bejn martu;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara il-hall taz-zwieg bejnu u bejn martu Mariodette Spiteri;
2. Tordna lir-Registragtur tal-Qorti sabiex, fi zmien li tistabilixxi din l-istess Qorti javza lid-Direttur Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara li ghalkemm hija moralment ma taqbilx mad-divorzju ghal ragunijiet ta' kuxjenza, hija taqbel mal-fatti kollha kif esposti mill-attur u ghalhekk ma hiex toggezzjona ghat-talba tal-attur ghad-divorzju, izda toggezzjona ghat-talba ghall-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Gunju,

2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.